MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 1770/2004

**Arthur Izuakor**

**vs**

**Grapevine Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta Settembru 2004 fejn l-attur qed jitlob li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ elf tliet mija disa’ u hamsin lira sebgha u sittin centezmu rapprezentanti salarji ta’ disa’ gimghat xoghol, bonuses relattivi, granet ta’ leave mhux mehud u ammont ta’ paga ghan-notice period li gie michud lill-attur liema ammont huwa dovut lill-attur ghall-impjieg tieghu mal-istess socjeta’ konvenuta fil-Grapevine Pub Bugibba u dana skond kif jirrizulta mill-annessa ittra markata Dokument A u mid-dokument mahrug mill-Employment and Training Corporation markat Dokument B.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta’ konvenuta prezentata fil-5 ta’ Novembru 2004 fejn ikkontestat it-talba attrici stante li qed tallega pagament ta’ dak kollu li qed jintalab u b’riserva tal-prezentata ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra u ezamina l-provi migjuba u d-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz in ezami filwaqt li l-attur qed jitlob ghal paga taz-zmien kemm dam jahdem mas-socjeta` konvenuta tal-ahhar qed tallega li fil-fatt huwa kien jithallas tax-xoghol tieghu maghhom. Illi in vista ta` risposta simili galadarba l-attur igib il-prova bazika li fil-fatt huwa kien impjegat tas-socjeta` konvenuta ghaz-zmien li ghaliha qed jitlob il-paga tispetta kwindi lis-socjeta` konvenuta li ggib il-prova li fil-fatt kienet thallsu. L-oneru tal-pagament jaqa` fuq l-istess socjeta` konvenuta.

Dok B mehmuz mal-avviz konsistenti fl-employment history tal-attur kif mahrug mill-ETC jixhed illi l-attur kien registrat maghhom bhala mpjegat tas-socjeta` konventa bejn il-15 ta` Marzu 2004 sas-16 ta` Mejju 2004 bhala chef full-time ghal perjodu ndefinit. Dan gie konfermat mill-istess attur fl-affidavit tieghu a fol 14 et seq. Fl-istess xhieda tieghu jispjega wkoll il-kundizzjonijiet miftiehma tal-impjieg tieghu fosthom li l-paga kellha tkun bir-rata ta` Lm120 fil-gimgha. Parti mill-ammont mitlub mill-attur f’din il-kawza jinsab mahdum minn rapprezentant tal-Labour Office kif jidher fl-ittra tieghu datata 30 ta` Gunju 2004 a fol 24 tal-process. Illi din l-ittra fl-imkien mal-ittra tal-konsulent legali tieghu a fol 23 u 4 tal-process jistghu jkunu ndikattivi tal-kredibbilita tal-attur stante li jidher li kien ha azzjoni mal-ewwel hekk kif gie terminat l-impjieg tieghu minghajr ma kien thallas ta` xejn, kif minnu allegat.

Illi b'risposta ghall-allegazzjoni tal-attur, is-socjeta` konvenuta a tempo vergine sostniet li l-paga tieghu kollha bir-rata ta Lm100 fil-gimgha ghal Marzu u bir-rata ta Lm120 fil-gimgha sa Mejju 2004 kienu fil-fatt thallsu in kontanti u li l-impjieg tieghu kien gie terminat fil-perjodu ta` probation. Dan jirrizulta mill-ittra mibghuta mill-istess socjeta` konvenuta datata 7 ta` Lulju 2004 esebita a fol 25 tal-process. Irecvuti rilaxxjati minghand l-attur dwar dawn l-allegati pagamenti ma gewx prodotti pero minn ebda naha partikolarment minn naha tas-socjeta konvenuta li qed tallega tali pagament. A fol 29 tal-process wiehed jista' jsib pero dikjarazzjoni mahlufa minn certu Tonio Vella Bonello li ghan-nom tas-socjeta` konvenuta kkonferma li l-attur kien thallas il-paga kollha ghas-saldu fl-ammont ta` Lm1,082 netti stante li mill-paga dovuta kienu tnaqqsu xi ammonti ghal tali kontribuzzjoni ghas-sigurta socjali (vide ittra datata 20 ta Settembru 2004 a fol 30 tal-process). L-iskambju ta` korrispondenza bejn id-dipartiment governattiv koncernat u s-socjeta` konvenuta giet konfermata bil-gurament tramite l-ufficjal taghhom Ivan Spiteri.

Illi mid-dokumenti esebiti minn Tonio Vella Bonello rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, it-Tribunal ghandu s-segwenti x'jirrileva:-

1. l-engagment u termination form tal-impjieg tal-attur (Dok TVB 1 u Dok TVB 2) ntbghatu lill-ETC fl-1 ta Lulju 2004 cioe` wara li kien gia gie terminat l-impjieg tieghu u meta kien gia beda jberraq l-inkwiet bejniethom.
2. Il-pagament relattiv dovut ghal bolla tal-attur intbghatet f'Awissu 2004 cioe wkoll wara li beda l-inkwiet (Dok TVB 3 u 4). L-istess jista` jinghad ghal dok TVB 5 sa TVB 10.
3. Ghalkemm Dok TVB 8 u Dok TVB 15 jindikaw cheques pagabbli lill-attur, dawn mhux biss ma gewx prodotti bhala prova izda sahansitra jikkontradixxu l-verzjoni tal-istess socjeta` li dejjem allegat li hallset biss in kontanti.
4. Id-dokumenti esebiti mis-socjeta` konvenuta huma lkoll mahruga mis-socjeta` konvenuta hlief l-irecvuti tad-dipartiment minghajr involvement jew kontroll tal-attur;

Fix-xhieda tieghu Tonio Vella Bonello jghid li l-ftehim mal-attur kien fis-sens li kellu jithallas kull gimgha b'lura bhal kull impjegat iehor maghhom kif fil-fatt sehh kull nhar ta' Tnejn. Il-hlas dejjem sar in kontanti wara li kien jigi kkalkolat it-taxxa u l-bolla pero qatt ma nharget ircevuta u anqas ma nharget xi forma ta` covering letter mal-pagament. Raymond Micallef prodott mis-socjeta konvenuta ghalkemm jikkonferma l-istess modalita ta` pagament, huwa di proprio qatt ma ra lill-attur jithallas quddiemu. Li jista` jghid pero kien li l-attur qatt ma gerger mieghu li ma kienx jithallas.

Illi kif gia ntqal fil-bidu l-oneru tal-prova dwar il-pagament kien jispetta lis-socjeta` konvenuta tenut kont tal-fatt li l-attur qed jallega li ma kienx thallas. Dwar ir-rata u zmien involuta il-partijiet qed jaqblu bejn wiehed u iehor.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula partikolarment stante nuqqas ta` produzzjoni ta` rcevuti, nuqqas ta` xi covering letters li jakkumpanjaw il-flus in kontanti, nuqqas ta` produzzjoni ta` prova dwar xi cheques li allegatament ghaddew lill-attur, it-Tribunal isibha ferm difficli biex jemmen il-verzjoni moghtija mis-socjeta konvenuta u kwindi jikkonkludi li s-socjeta konvenuta ma rnexxiliex tipprova soddisfacentement l-allegati pagamenti maghmula.

Illi dwar il-likwidazzjoni tal-ammonti dovuta jinghad qabel xejn li huwa minnu li l-attur gie mkecci fil-perjodu tal-probation u kwindi ma hu ntitolat ghall-ebda notice money. Illi ghalhekk huwa ntitolat jithallas is-segwenti cioe Lm200 ghall-ewwel gimghatejn u Lm840 ghas-seba` gimghat ta` wara. Oltre dan ghandu jithallas wkoll parti mill-allowance ta` Marzu u parti mill-bonus ta` Gunju skond Dok ES 2 cioe Lm12 + Lm19.71 – b'kollox igib total ta` **Lm1,071.71.**

Ghal dawn il-mottivi, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta jilqa` t-talba attrici, jillikwida l-ammont lilu dovut fis-somma ta` elf u wiehed u sebghin lira wiehed u sebghin centezmu kif fuq kalkolat u konsegwentement

ghalhekk jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur s-somma hekk likwidata fl-ammont ta` Lm1,071.71 bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tal-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------